**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 9 ta' Jannar, 2017

**Il- Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-vs-**

**Olaf Cini, detentur tal-karta tal-identità numru 539560M.**

Kumpilazzjoni Nru. 105/2012

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Olaf Cini talli:

Nhar it-3 ta' Mejju, 2008, bil-ħsieb li jagħmel il-ħsara lil Publius sive Leo Said, meta kien jaf li din il-persuna hija innoċenti, akkuża lil din il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reati suġġetti għal piena akbar mill-ġiena ta' priġunerija għal żmien sentejn; u

Fl-istess dati, hin, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li huwa ġa ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.
Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2008, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fid-29 ta' Marzu, 2016.

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'kalunnja ai termini tal-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-**Ispettur Roderick Agius** spjega kif il-parte civile, Leo Said, ipprezenta kwerela kontra Olaf Cini fuq rapport falz li sar fil-konfront tieghu fit-3 ta' Mejju, 2008.[1] Dan ir-rapport kien dwar arrest illegali li allegatament sehh minn Said fuq Cini l-jum ta' qabel, u cioe` fit-2 ta' Mejju, 2008, fejn gie anke allegat li Said kien hedded u insulenta lil Cini filwaqt li serraqlu xi affarijiet personali li kellu fuqu.[2] Said kien tressaq il-qorti dwar dak li allega Cini izda b'sentenza tat-28 t'Ottubru, 2011, hu kien gie liberat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.[3] L-ispettur kompla li mill-ewwel Cini kien cahad li hu kien ghamel xi rapport falz u nsista li dak li kien rraporta dwar Said kien minnu.[4] Fl-istqarrija[5] minn tieghu Cini kien spjega li hu kien baqa sejjer l-ghassa ta' Rahal il-Gdid, il-post fejn kien obbligat jiffirma bhala parti mill-kundizzjonijiet li fuqhom inghata l-liberta` provizzorja, u kien irraporta dak li gara hemmhekk peress li ried jaghti spjegazzjoni f'dik l-Ghassa ghaliex ma kienx iffirma jew irrinkaza ruhu sal-hin stipulat.[6] Cini kien spjega mal-ispettur kif fl-2005 kien issellef xi LM800 minghand certu Ina Abrekova u li wara li hu kien hareg mill-Habs fl-24 ta' Novembru, 2007, Ina u l-partner taghha, Publius (ossia Leo) Said, kienu riedu flushom lura tant li Said kien beda jsegwieh u jheddu filwaqt li kien insista li issa kellu jiehu l-interessi biex b'hekk is-somma pretiza kienet **telghet ghal LM4000**.[7] In kontro-ezami l-Ispettur Agius kkonferma li hu ma kien ha ebda rwol fl-investigazzjoni

[1] Dok. RA fol.28 et seq.
[2] Fol.16
[3] Dok. RA1 fol.31
[4] Fol.17
[5] Dok. RA3, fol.37
[6] Fol.38
[7] Fol.37

jew fil-prosekuzzjoni fil-konfront ta' Said u ghalhekk ma setghax jghid jekk fil-fatt l-oggetti mehuda lil Cini kienux nstabu.

Illi **Publius Said** xehed li Cini kien giddeb fuqu dwar dokumenti li allegatament hu kien gieghel lil Cini jiffirma billi ghamillu pistola ma rasu.[8] Qali li Cini kien sahansitra qal li hu, Said, kien sakkru go toilet u seraqlu arlogg u brazzuletta.[9] Spjega li din l-istorja ma Cini bdiet wara li l-partner tieghu kienet fdat lil Cini xi flejjes u li dak iz-zmien Cini kien juza l-isem falz, ta' Stephen Camilleri.[10] Said jghid li wara li hu kien irnexxilu jiskopri lil Cini kien cempillu u Cini kien beda jgib hafna skuzi bl-iskop li jevita li jhallas dak dovut lil Ina Abrekova. Ma kienx baqa' jirrispondi l-mobile u ma setax isibu iktar. Wara li kienu ghaddew mas-sena u tmien xhur kien intebah li l-partner tieghu kienet regghet f'kuntatt ma Cini wara li ra numru ta' telefonati lejn u minn numru partikolari u meta cempel fuq dak in-numru irikonoxxa l-vuci bhala dik ta' Cini li din id-draba wiegeb bhala "Borg".[11]

Meta kkonfronta lil Ina din ammettiet li kien Olaf Cini u hu ghalhekk kellem lil Cini u insista li jrodd lura l-flus li kienu dovuti lil Ina. Wara hafna zmien fejn Said beda jinsisti ma Cini biex itih flus Ina lura, il-partner ta' Cini, Mary (jew ahjar Marthese) Camilleri, kienet ghamlet garanzija lil Said li jekk Cini ma jhallsux fi zmien sena thallsu hi.[12] L-ammont dovut inkluz xi interessi kien ta' **LM1800** izda s-somma dovuta lil Ina kienet ta' Lm1270.[13] Said qal li xi xahrejn wara kienet cemplitlu Camilleri fejn qaltlu li Cini kellhu l-flus izda kien qed jonfoqhom u peress li hi kienet ghamlitlu garanzija, tablet lil Said sabiex jigri wara Cini ghal flus dovuti (biex ma tispiccax tbattihom Camilleri galadarba Cini ma kienx ser jasal ihallas dak dovut minnu). Ghalhekk Said jghid li ftiehem ma Cini biex jiltaqaw hdejn il-Phoenicia fis-7pm fejn Cini rikeb fil-vettura ta' Said u qallu li ommu kienet ser itih il-flus ghax ser jaslu bil-Western Union mill-Canada.[14] Hekk kif kien mieghu kien inqala' intopp fuq il-post tax-xoghol tieghu, il-Green Lines Hal-Qormi, u baqaw sejjrin hemm. Fil-vettura kien hemm ukoll Ina li kienet issugeriet li Cini johdulu l-arlogg u l-brazzuletta u fuq din jghid li Cini accetta ghax qallhom li l-arlogg kien rikordju ta' missieru u li ghalhekk kien ser jaghmel tajjeb ghalih billi

[8] Fol.41
[9] Ibid.
[10] Aktar il-quddiem Said jghid li Cini kien uza l-isem ta' Stephen Stiliatis, persuna griega (fol.56).
[11] Fol.43
[12] Fol.44
[13] Fol.45
[14] Fol.46

jaghtihom il-flus dovuti.[15] Said hadhom skond hu biex itihom lil Mary Camilleri u Ina gieghlet lil Cini jaghmel skrittura li dawk kien qed itihomlhom bhala garanzija u *"hadt il-karta fil-but, hadt dawn ghandi..".*[16] Peress li kellu jibqa' sejjer iz-Zejtun jghid li offra lil Cini jwasslu l-Fgura izda dan qallu li kienet sejra ghalih Mary Camilleri.

Said ikompli li meta gew lura miz-Zejtun sabu lil Cini ghadu hemm. Dan il-post jinsab fl-imwarrab u kien covered minn *cctv cameras*. Peress li ried jaghlaq il-grada tal-yard, Cini rikeb fil-karozza izda niezel ftit wara peress li qal li kien ser jistenna lil Camilleri (li kellha tigbru hi). Hekk kif Leo Said u Ina qabdu it-triq ghal-Qawra u wasslu hdejn ir-roundabout ta' Haz-Zebbug daru lura ghaliex Ina hasbet li nessiet il-mobile (fil-yard tal-Green Lines) u kif qorbu raw lil Cini hiereg minn hdejn il-fabbrika tal-Coca Cola. Meta staqsweh ghaliex kien ghadu hemm qallilhom li kien qed jistenna lil Camilleri. Dak il-hin iddecidew li jitilghu l-airport *"Ghidtlu: Ismani la qed isemmi lil Mary Camilleri terga' ghidtlu: ejja niltaqghu l-Airport. Jien flok tlaqt lejn il-Qawra tlajna l-airport, jien u Ina wassalna hemm, about 10 minutes after wasal hu ma Mary Camilleri."*[17] Jghid li Cini kien talbu jiehu lura l-arlogg u 'l-gizirana' [recte brazzuletta] izda Said qallu li hu ma kienx ser jisirqu u li ma kellux ghalfejn jinkwieta galadarba kien gja' hemm qbil li kellhom jiltaqaw ghand l-Avukata Dr. Daniela Mangion sabiex jirregolaw l-affarijiet ta' bejniethom. Gara izda li Dr Mangion kienet infurmat lil Said li Cini kien naqas milli jzomm l-appuntament maghha u spiccaw biex il-flus dovuti lil Said thallsu minn Mary Camilleri *"Mhux hu, hu ma hallasnix, lili hallsitni wara li ghalqet is-sena Mary Camilleri she was a woman illi giet u tathomli.....one thousand eight hundred (1800) maqlubin ghal Euros, jigu xi four thousand xi haga."*[18]

Said jghid li xi jiem wara kien gie msejjah id-depot u ikkonfrontat bl-allegazzjoni li hu kien ghamel pistola ma ras Cini u gieghlu jaghmel xi dokumenti fejn iddikjara li kellu jtih xi flejjes. Cini kien anke qal li hu kien sakkru go *portable toilet* meta *"Il-mobile toilet ma jinqafilx minn barra, minn gewwa biss tista` taqflu u barra minn hekk plastic jigifieri jekk itih daqqa ta' sieq dan jinfetah."*[19] Said jghid li hu ma kellu ebda interess jaghmel dan peress li kellu l-garanzija minghand Camilleri li fin-nuqqas ta' hlas minn Cini, kienet ser taghmel tajjeb ghalih hi. Jirrizulta li din saret

---

15 Fol.46
16 Fol.47
17 Fol.48
18 Fol.49
19 Fol.50

fis-27 t'April, 2007, jiem qabel.[20]Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghal dak li Said xehed ftit qabel. Dan kien stqarr li beda jsus wara Cini ghan-nom ta' Camilleri wara li darba minnhom, waqt li kien hdejn il-Wembley Garage jistenna lil partner tieghu tispicca mix-xoghol taghha f'Paparazzi "*u cemplitli Mary Camilleri qaltli: isma Leo inti gentleman? Ghidtilha: What, whats the matter, jien. Qaltli: Ghaliex Olaf Cini ghandu l-flus u nefaqhom jew ghamel xi haga ma nafx x'ghamel u qaltli: inti ma bqajtx ticcejsjah. Ghidtilha: Jien niccejsjah, ghidtilha jiena bhal sepci inti ghamiltli garanzija, ghidtilha: pero' tikkonfondi xejn issa ncempillu, naghmel appuntament mieghu u hekk gara"*.[21] Meta mistqosi dwar l-arlogg u l-gizirana (recte brazzuletta) jghid li kien mar mal-Ispettur id-dar il-Qawra u tahomlu hekk kif hu kien gie interrogat mill-Ispettur Daniel Zammit.[22] Difficli jitwemmen li Said kien ser jiehu dik l-izbriga biex jhedded b'arma persuna u jispicca jissekwestrah ghaliex mitlub jaghmel hekk, bi pjacir, minn terz meta hu kien mohhu mistrieh li jigri x'jigri hu kien ser jithallas – jekk mhux minn Cini minn Camilleri!

Illi Publius Said rega xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta fl-2012 fejn kien tenna l-istess rakkont; ghalkemm kien hemm xi differenzi f'dan ir-rakkont mill-ewwel wiehed, dawn ma kienux tali li juru xi inkonsistenza lampanti fil-verzjoni tal-parte leza. Said kien gie mistoqsi dwar il-mobile u jghid *"Il-mobile ma spiccax ghandi tieghu. Qatt ma kien f'idejja…. Jiena kellhi l-gizirana u l-arlogg f'idejja…. Dak baqa siegha wahdu go l-ghalqa hemmhekk. Ikkwadrat bil-video cameras. Tlieta hekk ippuntati fuq l-ghalqa jigifieri kienu."*[23] Imsejjah bhala xhud in difeza Said rega' rrakonta c-cirkostanzi li wassluh sabiex jiltaqa' ma Cini u cioe' li l-partner tieghu ta dak iz-zmien (illum martu) kienet selfet lil Cini LM1260.[24] Jghid li l-ammont illum kien **thallas izda mhux minn Cini izda minn vittma ohra ta' Cini, Marthese Camilleri**. L-ammont li thallas kien b'kollox ta xi LM1800.[25] Jghid: *"U wara hafna hassle gabli t-tfajla tieghu, jew ex-partner, u gabha d-dar tieghi. Qaltli isma Sur Said jien nahdem ir-Razzett tal-Hbiberija, qaltli ghandi ragel u ghandi t-tfal, qaltli jien ghamilt zball, qaltli ha naghmillu garanzija lil Olaf Cini li jekk fi zmien sena ma jhallsekx naghmillek garanzija. Ghidtilha ha nghidlek Sinjura dawn mhux affarijiet,*

[20] Fol.176-177
[21] Fol.45-46
[22] Fol.51
[23] Fol.74
[24] Fol.139
[25] Fol.140

*u ghamlitli karta.... **Ghaddiet is-sena u hallsitni**.*[26] *Cempel l-avukat qalli ejja l-Belt, u **tghatni** xi 4600 b'kollox.... Ghaddew tliet xhur cemplitli din Mary Camilleri kont fejn il-Wembley Garage..... Mary Camilleri cemplitli Mr Said you are not a gentleman qaltli ghax hallastek jien inti mintix qed ticchasjah biex ihallasni, ghax hu dejjem qed iwieghed li ha jgib il-flus mill-Canada u jtihom."*[27] Izid *"....meta Mary Camilleri cemplitli qaltli jiena naf li ha jgib il-flus, qaltli dak jerggha juzahom ghal xi hag'ohra qaltli jekk inti tkellmu.... Kellimtu qalli tikkonfondi xejn nintaqghu fejn il-Phoenicia.....Mela fit-3 ta' Mejju ntqajna fejn il-Phoenicia ghidtlu jien irrid inkellmek pero irrid immorru fejn hemm ic-CCTV cameras. Ghidtlu hawn Ina mieghi, qalli Leo jien qed nistennik fis-sebgha. X'hin wasalna fejn il-Phoenicia tela' fil-karozza wara.... Ezatt imbaghad fit-3 ta' Mejju dhalna go din l-ghalqa u jien qed nghidlu isma meta ha thallasha lil Mary Camilleri, meta ha ttini l-flus ha ntihom lil Mary Camilleri, jew hekk. U dan bdejna nitkellmu. F'daqqa wahda rcivejt telefonata miz-Zejtun li kien hemm id-disk brakes tax-xoghol u dan, hallejthom jitkellmu hu u Ina fil-karozza, u jiena hrigt nitkellem bit-telephone. Meta giet lura Ina qaltli ghandu l-arlogg u l-gizirana ha jtihomli bhala garanzija. Ghidtilha Ina li ma jmurx ikunu misruqin ghidtilha le jtina l-kelma, u ftehmna li l-Hamis.... Mary Camilleri milli jidher kienet trid tibqa' mohbija....Le jien ridt naghmel att tajjeb lil Mary Camilleri wara li hi hallsitni, wara li ghamlitli dik il-firma."*[28] Ghal korretezza jigi rilevat li ghalkemm jissemma it-3 ta' Mejju, jirrizulta li l-jum kien dak tat-2 ta' Mejju, u li ma kienx ha hlas per se minghand Camilleri izda biss garanzija ta' hlas.

Said jerga jispjega f'dettal akkurat dak li sehh fil-lejl tat-2 ta' Mejju, 2008 (il-Gimgha): *"……jien cempilt lil Mary Camilleri, kellimna lil Mary Camilleri gol-ghalqa gol-post, gol-post fejn konna Mary Camilleri qaltli isma Leo qaltli ha nigi ghalih jiena lil Olaf Cini u ghidtilha orrajt, u jien u Ina morna z-Zejtun. Ghaddiet siegha u nofs u gejt lura u sibtu hemm fl-ghalqa ….. Mort lura fejn ghandi x-xoghol ghax kellna problema fuq it-truck li jrid johrog fl-erba' ta' filghodu u kellna problema fih u giet Ina mieghi. Meta mort lura sibtu hemm, ghidtlu mela inti ghandek hawn jien? Qalli iva ghax Mary Camilleri gejja. Ghidtlu imma issa rrid nitlaq lejn id-dar jien irrid nghalaq, u ghalaqt, tela' fil-karozza mieghi, u hrigna biex nohorgu mid-dizabitat. Sa dan it-tant ma nafx x'qalli u ma qallix, ghidtlu isma jien wara kollox ma rrid xejn, u nizel minn gol-karozza go dan id-dizabitat. Kien hemm il-*

[26] Fil-fatt dokumenti esebiti minn Camilleri **jikkonfermaw li Said thallas minnha f'April 2009**.
[27] Fol.142-144
[28] Fol.145-146. Dok.MC a fol. 177 juri l-garanzija saret fis-27 t'April, 2008.

*cameras. U jiena tlaqt. X'hin wasalna Haz-Zebbug il-mara tieghi qaltli I don't have the mobile, I don't have the mobile, jien dawwart lura orrajt biex nara hadulix hu jew tliftu, u nintaqa' mieghu l-Coca Cola, hareg minn gol-Coca Cola .... Ghidtlu mela int ghadek hawn, ghidtlu inti ma tridtx tmur tirregistra jien qed tghidli biex tmur tinkiteb hemm fuq jien, qalli le gejja Mary Camilleri ghalija ftehmt maghha issa.... qalli tihomli l-arlogg u l-gizirana, ghidtlu ha naghmlu bicca xoghol Olaf Cini ejja nintaqghu ma' Mary..... tahomli u wara li taghni l-karta reggha talabhomli fejn il-Coca Cola biex jien intihomlu, dawn ma kellhomx valur ta' flus ta .... Ghax imbaghad accettajt meta ghamilli l-karta li dan qed itihomli bhala garanzija ..... Issa meta konna fejn il-Coca Cola hawn is-surprise tieghi, ..... meta ntqajna fejn il-Coca Cola dawn morna l-Airport, jien mort bil-karozza tieghi u hu gie ma' Mary, ..... Kont qed niehu cafe qalli tihomli l-arlogg, ghidtlu issa ntihomlok nhar it-Tlieta ha nintaqghu ghand l-avukata jien.*"[29] It-Tlieta kien il-jum li suppost kellhom jiltaqaw ghand Dr Mangion sabiex Said jithallas minghand Cini (u b'hekk Camilleri tinheles mill-obbligi taghha taht il-garanzija maghmula minnha lil Said).

Illi mistoqsi dwar ghaliex kellu joqghod ifittex hu lil Cini jghid li ghamlu bi pjacir ghal Mary Camilleri li bis-sahha taghha gabar il-flus, *"Mary Camilleri ghamlitli garanzija u bis-sahha taghha l-flus ghax hu bezgha li jgibha fl-inkwiet u probabbli, ..... peress li ffirmatli u dak qaltli dak ha jdahhal xi flus mill-Canada ommu jigifieri qaltli isma now is the moment, ghamilli pjacir kellmu naqra .....".[30]* Fl-ahhar fix-xhieda minn tieghu jghid *"Ma hadtu xejn f'post disabitat hadtu f'post tax-xoghol fejn gie diversi drabi minghalija xi erba' darbiet qabel ma thallast, qabel m'ghamilna l-karti u qabel m'ghamilna l-iffirmar, gie f'post iddisabitat x'jigifieri x'hin appena tasal fejn il-camera jixghelu..."*[31] Dan isib korroborazzjoni f'dak li jghidu kemm Godfrey Formosa meta jghid li Cini kien "*Hadni ghand Leo Said ezatt hekk hu.... Iva kien hemm qisu ghalqa jigifieri hadni hemmhekk f'dan il-post."[32]* kif ukoll Marthese Camilleri meta dwar okkazzjoni ohra tghid *"U morna go post ghand dan Leo u kien veru tal-biza...Il-post fejn kien hemm Leo, hsibthom ha, qas naf xi hsibt...Kien hemm il-klieb kien hemm in-nies.*"[33]

[29] Fol.148-150
[30] Fol.154
[31] Fol.159
[32] Fol.165
[33] Fol.182

Illi l-Qorti tinnota li ghalkemm Said jghid li kien gja 'thallas' meta allegatament sehh is-sinistru lamentat minn Cini, jirrizulta li sa dakinhar hu kien inghata biss garanzija da parti ta' Camilleri; din jirrizulta li saret fis-27 t'April 2008.[34] Said thallas mill-Avukat ta' Camilleri, Dr Antoncich, f' April 2009, sena wara kif fil-fatt xehed. Ghalhekk meta jixhed li ntalab minn Camilleri sabiex jipprova jara li Cini jhallsu u b'hekk hi tinheles mill-garanzija li ghamlet, dan ir-rakkont tal-fatti huwa verosimili. Ma kienux xi xhur wara izda granet. Il-Qorti ma tarax ghalfejn Cini kellhu jaghti l-arlogg u l-brazzuletta lil Said jekk mhux sabiex talvolta li hu jkun hallsu, jispiccaw l-obbligi ta' Camilleri. Said kien mohhu mistrieh ghaliex kien ircieva garanzija ta' hlas. Bil-garanzija f'idu, garanzija maghmula biss jiem qabel ma kien hemm ebda htiega jew raguni ghal Said sabiex joqghod jisforza lil Cini ihallsu immedjatament wara. Inoltre` kien hemm ukoll l-intendiment li Cini kien ser ihallas hu lil Said xi jiem wara quddiem l-Avukat Mangion, u kif ikun sar il-hlas, tispicca l-garanzija ta' Camilleri li ghalkemm ghamlitha lil Cini ragonevolament kienet ansjuza li tinheles mill-obbligi derivanti mill-istess garanzija.

Illi **Ina Atrepyeva Abrekova** spjegat lil Qorti kif fl-2006 ltaqghet ma Cini, li sa dak iz-zmien kienet tafu bhala Stephen Stiliatis,[35] li kien qalilha li seta jsibilha impjieg bhala *tour operator* izda din kellha ittih xi flus sabiex dawn joffrihom bhala rigal sabiex lilha tinghata preferenza.[36] Kienet taghtu b'kollox madwar LM1180[37] (inkluz self ta xi Lm380) izda dan beda jgib hafna skuzi u ftit wara sparixxa. Wara hafna kienet qalet kollox lil partner taghha, Leo Said, u kien hu li beda jkellem lil Cini bil-ghan li jigbor flusha lura. Kien Cini li kien igib mieghu karti u semmiet kif certu Mary Camilleri kienet ghamlet garanzija *"Eventually Mary Camilleri she paid the money.....**There was the once that he gave his watch as a guarantee and when he was giving the watch and bracelet as guarantee I was the one to say no before you make a paper and he did a paper that he is giving those as a guarantee that he is going to pay**......Yes there was a case that he claimed that someone locked him but **no one locked him, never and the revolver, first of all no one had it to make him afraid with the revolver.**"*[38] Ix-xhud regghet xehdet quddiem din il-Qorti diversament preseduta f'April, 2013 fejn regghet irrepetiet l-

[34] Fol.176-177
[35] Fol.56
[36] Fol.53-54
[37] Lm400 +Lm400 (fol. 54) + Lm380 (fol.55). Izda Cini a fol.110 jghid li kienet tatu mal-erbat elef Liri Maltin.
[38] Fol.57

verzjoni moghtija fi Frar, 2011. Din id-darba ix-xhud issemmi li *"Yes this money was paid by his girlfriend but it was after I don't know how many years, 2010…***Paid after actually Olaf Cini opened the case against Leo Said***."* [39]Mis-sentenza esebita jirrizulta li Leo Said kien gie mixxli bl-akkuzi maghmula fil-konfront tieghu minn Cini f'xi zmien bejn it-3 ta' Mejju, 2008,[40] u t-22 ta' Gunju, 2009.[41] Fil-fatt aktar tard jintwera li Said thallas minn Camilleri f'April, 2009 u ghalhekk kif ikkonfermat mix-xhud.

Illi **PS1495 Joseph Muscat** li kien ircieva ir-rapport[42] minghand l-imputat jghid li hu kien ra lill-imputat *"eccitat hafna"* u meta staqsieh ghaliex ma ghamilx rapport mill-ewwel fl-Ghassa ta' Hal-Qormi dan kien qal li ippreferixxa jaghmlu Rahal il-Gdid.[43] Interessanti hu li fir-rapport issir riferenza ghal dak li gja` ssemma mix-xhieda precedenti u cioe' li kienet saret karta minn Cini li l-arlogg u l-brazuletta kieneu inghataw bhala garanzija. Izda jidher li Cini hawn allega li hu kien gie kostrett jaghmel dan id-dokument. Cini kien ukoll qal lill-pulizija li nsteraqlu l-mobile.[44]

Illi l-imputat **Olaf Cini** ghazel li jixhed u qal lill-Qorti li l-konnessjoni ma Said kienet dwar self ta' flus ta' madwar erbat elef maltin (LM4000) minn Ina Abrektova xi zmien qabel l-2008[45] meta pprezenta ruhu bhala *"credit collector"* u hemmhekk sar jaf li Ina u Said kienu flimkien. Said kien ltaqa' mieghu l-pjazza ta' Rahal il-Gdid quddiem il-Knisja u pprezenta ruhu *"Li hu l-boyfriend taghha u qed jigbor il-flejjes li kienet selfet."*[46] Cini jghid li kien talab lil Said zmien sabiex jirranga l-affarijiet tieghu biex ikun jista jhallsu peress li l-ammont pretiz minn Said kien zdied ghal madwar tmien t'elef.[47] Cini jghid li kien hemm ricevuta ta' Dr. Antoncich. Ikompli li Said kien sahansitra *"beda l-hin kollu jcempel, jimminaccja d-dar, jimminaccja lil tal-familja…kliem baxx, kliem oxxen ma ommi jigifieri. Li mbaghad wassalna fi stadju li tal-familja marru l-ghassa ta' Rahal il-Gdid u ghamlu diversi rapporti."*[48] Cini jerga' jinsisti li l-ammont kien tela' ghal tmien t'elef u li Said ried li jmorru ghand nutar sabiex issir skrittura

[39] Fol.83
[40] Meta sar ir-rapport
[41] Meta sarlu l-ezami fis-seduta mizmuma f'dik il-gurnata.
[42] Dok. RA4 a fol.60.
[43] Fol.65
[44] Fol.62.
[45] Fol.110
[46] Fol.112
[47] Fol.113
[48] Fol.114

privata li hu kien dovut dak l-ammont.[49]L-imputat ghal diversi drabi jghid li Said kien dejjem qed jgholli l-ammont dovut u dan wasal ghal tmien telef ewro *"Eight thousand xi haga hallasna."*[50]

Jinghad mill-ewwel li l-provi jikkontradixxu dak li jsostni Cini. Il-flus imhallsa minn Camilleri lil Said kienu **€4192 rapprezentanti LM1800.** Ghalkemm Cini jghid li kien ghamel rapport dwar allegat uzura[51] dawn baqaw ma gewxipprezentati kif *del resto* lanqas ma ngabet prova dwar theddid li allegatament soffriet familtu.

Illi l-imputat jirrakonta kif meta hu kien minn ghalih li kien ltaqa' ma' Said sabiex imorru ghand nutar dan kien hadu fil-yard tal-Green Lines, Qormi, u xhin dahhlu Said ghalaq il-grada; ma Said kien hemm Ina.[52] Cini jkompli *"Umbaghad meta dhalna fil-yard, pruvajt niftah il-bieba ta' wara. Ma stajtx…Kienet bil-lock. Kienet illockjata…Kif dhalna bil-karozza ghalqu il-gate. U ghalqu l-gate…. Hadli l-mobile lili ghax ippruvajt incempel imma haduli dak il-hin."*[53] X'hin kien ghadu fil-vettura jghid li Said hareg pistola ta' lewn silver u talbu l-arlogg u cappetta tal-fidda. Cini jghid li wara li gghielu johrog mill-vettura tefghu go *mobile toilet* u permezz ta' *pellets* ghalqu b'tali mod li l-bieb ma jkunx jista jinfetah.[54] *"Umbaghad ghadda certu hin… **u wara a few hours gie, harigni**. I'm trying to rememeber issa. Harigni, telaqni f'nofs gol-ghelieqi hemmhekk, u telaq bil-karozza."* Jghid li peress li kien hadlu l-mobile cempel lil Marthese Camilleri minghand is-security tal-Coca Cola.[55] Kienet marret tippikjah Camilleri u ftit wara Said cempillha u ftehmu biex jiltaqaw l-airport biex jitkellmu *"fejn hemm il-Costa Café biex niehdu lura l-mobile tieghi. Imma ma tahulix"*[56] Jghid li kien ghamel rapport u sussegwentement *"Marthese [Camilleri] qabdet lil Dr Antoncich fejn bghatu ghalih u tawh cekk…..U thallas u ghamilli ricevuta."*[57] L-imputat ghamel riferenza ghal proceduri ohra izda ghalkemm inghad li kellha ssir prova dwar l-istess lanqas din il-prova ma ngabet. Jghid li Camilleri kienet inkarigat lil Dr Antoncich ghal din it-transazzjoni.[58]

[49] Fol.115
[50] Fol.119-120
[51] Fol.116
[52] Fol.117
[53] Fol.118
[54] Fol.120
[55] Fol.128
[56] Fol.121
[57] Fol.122
[58] Fol.125

In kontro-ezami jghid li l-ammont li kienet taghtu Ina kien ta' **erbat elef Lira Maltin.**[59] Wara li gie mwissi mill-Qorti qal *"Orrajt. Jien ma niftakarx li ghamilt rapport [dwar uzura]."*[60]

Aktar qabel –
*"Qorti: ....ma hassejtx li forsi kellek tirraporta lill-pulizija? Li kien hemm uzura? Ghamilt rapport li kien hemm uzura?*
*Xhud: Ghamilt rapport sija l-Ghassa ta' rahal il-Gdid li fil-fatt.*
*Qorti: Li hemm uzura?*
*Xhud: Ee u qed jghollili l-ammonti, imbaghad mort anke ghand l-Ispettur."*[61]

Illi Cini jkompli li hu kien **<u>inhelles ghal xi 11pm</u>**[62] u li Said kien cempel fuq il-mobile ta' Camilleri ghaliex kien jaf li Cini kellu jiltaqa' maghha u li hi kienet cemplitlu meta kien ma Said sabiex tara fejn kien u li Said kien rrispondiha hu fejn ma hallihx ikellimha.[63] <u>Jinghad minn issa li dan jigi kontradett minn Camilleri li tghid li kienet id-dar meta</u> **<u>kien Cini cempilla u li ma kienx tard u hin l-irqad</u>**. Fil-fatt Camilleri xehdet *"Imbaghad cempilli u qalli jiena qieghed fejn tal-Coca ejja ghalija ghax m'ghandhix biex immur id-dar."*[64] u zzid *"Imma ma kienx bil-lejl fil-hin tal-irqad. Kien id-dlam."*.[65] Ghaliex allura Cini jaghti l-impressjoni li kien Said li cempel lil Camilleri jekk mhux biex jgghiehel jitwemmen li hu kien ittiehidlu l-mobile?

Mistoqsi dwar x'gghielu jerga' jiltaqa ma' Said wara li kien ipponta pistola lejh, jghid li kien biex igib il-mobile sabiex ma jkollux access ghan-numri tal-familja tieghu. Pero` hawnhekk il-Qorti irrimarkat li fi kliem Cini stess, Said kien ilu jhedded u jaghmel kuntatt mal-familja tieghu u ghalhekk tali spjegazzjoni ma kienitx taghmel sens![66] Ikompli li *"Filghodu mbaghad qbadt u <u>mort nigri</u> l-Ghassa ta' Rahal il-Gdid."*[67] Il-Current Incident Report izda juri li kien biss fl-<u>10 ta filghodu</u> li Cini mar jaghmel r-rapport fejn istma li l-mobile phone kien jiswa biss €120.

Il-Qorti tistaqsi, xi htiega kien hemm li jsakkru go *mobile toilet* galadarba Said kien hadlu dawn l-oggetti bhala garanzija u kien gja kellhu garanzija

---

[59] Fol.126
[60] Fol.127
[61] Fol.116
[62] Fol.128: *"Kien tard bil-lejl. Kienu zgur round eleven o'clock at night."*
[63] Fol.128
[64] Fol.186
[65] Fol.190
[66] Fol.129
[67] Fol.129

da parti ta' Camilleri? X'kien ser jakkwista Said b'daqshekk meta kienu miftehmin biex it-Tlieta ta' wara jmorru ghand nutar u meta Camilleri kienet diga ghamlet garanzija favur Said hamest ijiem qabel kif tindika l-iskrittura a fol.176-177? Msakkar ma tantx kien ser ihallsu! Skond Cini mar iccempel lil Camilleri minghand tal-Coca Cola filwaqt li Said ukoll jghid li rah hiereg minn hdejn tal-Coca Cola. Ghaliex ma cempilx lil Pulizija izda lil Camilleri li kif jirrizulta ma semmilha xejn dwar li kien gie sekwestrat u mhedded izda talabha tiehdu tiltaqa ma Said l-Airport? Jiltaqa' biex jiehu kaffe` ma minn issekwestrah u meta suppost kien armat b'psitola?

Jibqa l-fatt izda li ma kien hemm ebda sens li wara li persuna jkun ittiehdula oggetti ta' valur din tissakkar f'post sabiex ftit wara terga tinheles u tithalla tiggerra fid-dizabitat. Xi bzonn kellu Said izomm mobile ta' Cini (stamat €120) meta kellu f'idejh arlogg li wahdu kien jiswa €1600? Ma jaghmlix sens li hadulhu biex ma jkunx jista' jcempel meta fil-fatt Cini jghid li kien hu stess li fetahlu l-bieb tal-mobile toilet xi hin wara! Izda dak li javvicina l-inkreddibli hu li wara trauma bhal din, meta Said jerga jghid lil Cini biex jiltaqaw l-airport, dan minflok ma jmur dritt ghand il-Pulizija, jaghzel sabiex flimkien ma Camilleri imur jiltaqa mal-persuna li ssekwestratu, li kienet ilha zmien theddu u li ftit sieghat qabel uzat pistola fuqu! Ghaliex minflok ma baqa' sejjer jiehu kafe` ma cempilx lill-Pulizija? Anke fl-Ajruport kien hemm Ghassa tal-Pulizija izda minflok irraporta t-tawma li suppost garrab mar jiltaqa' mas-sekwestratur tieghu!

Illi dwar din l-hekk imsejjha ricevuta li tissemma minn Cini giet esebita skrittura datata il-15 t'April, 2009 (wara ittra mibghuta nhar it-8 t'April, 2009) fejn dak li xehdu Said u Abrekova qed jigi kkorroborat in kwantu jirrizulta li **kienet Camilleri li hallset lil Said l-ammont ta' €4192 rapprezentanti LM1800** ***[mhux LM4000 kif jallega Cini]*** *"rapprezentanti flus mislufa minni lil Marthese Camilleri* ***in forza ta skrittura datata s-27 ta' April, 2008*** *iffirmata bejni ma' l-istess Marthese Camilleri."* Din l-iskrittura tkompli *"u nzid nghid li Marthese Camilleri ma kienet iffirmat l-ebda garanzija biex taghmel tajjeb ghal xi dejn ta' terzi u dovut lili .... dan il-pagament* ***effettwat illum mill-istess Marthese Camilleri*** *qed joqtol ukoll l-istess ammont dovut lili minn Olaf Cini I.D. 539560(M) u rapprezentanti flus li kellu jghatini."*[68] Minn imkien ma jirrizulta li Said thallas is-somma ta' tmien telef li tissemma kemm il-

[68] Dok.MC, fol.177

darba minn Cini. **Il-garanzija li saret minn Camilleri ghalhekk tirrizulta li saret fis-27 t'April, 2008, *hamest ijiem* biss qabel l-allegat sekwestru!!** Ghalhekk hawn Said hu zbaljat meta jghid li kienu ghaddew *xahrejn u nofs* u *'tlett xhur'* minn meta Mary Camilleri kienet ghamlet garanzija lil Said kienet cemplitlu u qaltlu li Cini kellu l-flus izda kien qed jonfoqhom u talbet lil Said jicchasjah hu.[69] Ghaliex isir emfazi li Camilleri ma ghamlet l-ebda garanzija meta ittri tal-istess avukat mibghuta precedentement juru mod iehor?

Ghaliex Said hass li kellu jintervjeni ghal Camilleri meta kienu ghaddew biss hamest ijiem minn dakinhar li l-istess Camilleri ghamlitlu garanzija favur tieghu? Certament it-trapass ta' zmien ta erba snin (meta xehed fi Frar u f'Ottbru 2012) u wara 8 snin (meta xehed l-ahhar f'Ottubru, 2016) ma ghenux il-memorja tax-xhud. Il-Qorti tattribwixxi din id-diskrepanza bejn dak li jghid Said u dak li jirrizulta mill-atti ghat-trapass ta' zmien peress li ma tirrizulta ebda kontradizzjoni jew inkonsistenza ohra. Jinghad ukoll li aktar taghmel sens il-verzjoni ta' Said li kienet Camilleri li talbet l-assistenza tieghu ghaliex kif gie gja` sottolinejat hu kellu mohhu mistrieh bil-garanzija bil-miktub; fatt rikonoxxut anke bl-iskrittura privata maghmula quddiem l-Avukat Antoncich li jirrizulta li saret nhar is-27 t' April, 2008! Iktar u iktar ma kellux ghalfejn la jibqa' jigri wara Cini u wisq anqas kellu ghalfejn isakkru fit-2 ta' Mejju, 2008, meta kellu garanzija l-arlogg u l-brazuletta li kien hemm l-intendiment li kellu jghaddihom lil Camilleri meta kienu ser jiltaqaw ghand l-Avukat Dr. Daniela Mangion it-tlieta ta' wara, u cioe' fis-6 ta' Mejju, 2008 biex jithallas Said.[70]

Illi **Godfrey Formosa** jikkonferma li Said kien ried b'certu sahha flus dovuti lilu izda l-uniku theddid li qatt sema kien fis-sens li jekk Cini ma jhallasx kien ser jibghatlu n-nies wara biebu.[71] Jghid ukoll li dan kien sehh xi zmien bejn il-2005 u l-2006.[72]

Illi **Marthese Camilleri** tenniet li Cini kien hada ghand il-parte civile sabiex taghmilhu garanzija: *"....Cini kien qalli biex naghmillu **pjacir u niffirmalu l-karta** li filkas inhallas jiena jekk ma jasalx hu sa Tuesday ghax tah xi gurnata, u jiena kelli genn biex nohrog minn hemm gew u Leo ghamel din il-karta u jien iffirmajtha. Pero wara zmien Olaf taghni l-flus u jiena cempilt lil avukat tieghi Henry Antoncich, intqajna ghandu u dawn il-*

69 Fol.45-46
70 Fol.72-72
71 Fol.167
72 Fol.170

*flus thallsu. Jien ghandi l-karti."*[73] Mela kien hemm garanzija maghmula minnha! Ittenni *"Olaf qalli ghamilli pjacir ejja mieghi ghax ha jirrapurtani u l-flus ha jidhluli l-gimgha d-diehla, ffirmali ghax inkella ha jgibni f'hafna nkwiet....".*[74] Il-fatt li Camilleri tixhed li Cini kellu jhallas lill-istess Said it-Tlieta ta' wara, jikkoroborra dak li xehed Said. Camilleri tghid li l-flus ma kienux taghha izda ta' Cini: *"Xhud: Le Olaf tahomli l-flus.*
*Avukat: Jigifieri inti flus minn tieghek qatt ma hrigt.*
*Xhud:* ***Le le Olaf tahomli****.*
*Avukat: Il-flus meta thallsu lis-Sur Said thallsu darba u kienu flus li qed tghidilna ghaddihomlok is-Sur Cini.*
*Xhud: Iva.*
*Avukat: U inti mort ghand l-avukat Antoncich li kien tieghek mhux ta' Cini kien.*
*Xhud: Le tieghi kien.*
*Avukat: U mort ghandu biex ihassarlek il-garanzija?*
*Xhud: Iva ghandi l-karti mieghi jekk tridhom.*
***Avukat: Ghalhekk fil-hlas jigifieri dhalt inti biex tassigura ruhhek li dik il-garanzija tigi kkancellata.***
***Xhud: Iva.***[75]
*...****jien kont iffirmajt karta li jien ghandi naghti lil xi hadd minghajr jien qatt ma ssellift flus minghandu. Jien ridt nehles minnhom dawn l-affarjiiet u kif Olaf taghni l-flus jien infurmajt lil avukat****, l-avukat staqsieni qalli dawn il-flus zgur Olaf tahomlok jew ha tohroghom inti, ghidtlu le dawn il-flus tajhomli Olaf. L-avukat tieghi nahseb tafu min hu Henry Antoncich il-karti bhal m'ghandi l-kopji jien ghandu l-kopji hu* ***u ghandu anki l-garanzija li Leo geghlni niffirma gol-flat tieghu Bugibba."***[76]

Hi nsistiet ukoll li hi qatt ma talblet lil Said sabiex jigri wara Cini sabiex hi tinheles mill-obbligi taghha bhala garanti ghaliex skond hi meta gara l-allegat sekwestru kienet ghada ma dahhlitx garanti: *"Le le dak kien zmien qabel anki nahseb qabel ma ffirmajt il-karta. Jekk tara d-data ta' dak seba' snin ilu. Dak il-kaz li qed isemmi hu ilu hafna iktar. Kont ghadni f'relazzjoni m'Olaf jiena. Meta thallsu lanqas biss kont ghadni f'relazzjoni mieghu."*[77] u *"Le le mhux zgur kienet ghadha ffirmata l-karta."*[78] Mistoqsija jekk kienitx tablet lil Said jaghmel xi haga ghan-nom taghha sabiex tirkupra flusha

[73] Fol.183
[74] Fol.195
[75] Fol.183-184 u fol. 187
[76] Fol.189
[77] Fol.185
[78] Fol.188

tghid *"Le Le qatt."* u *"Le le jiena lil Leo qatt ma kellimtu iktar hlief dakinhar meta ffirmajtlu l-karta u meta ntqajna ghand l-avukat minghalija 2007.".*[79] Fuq domanda diretta tal-Qorti dwar dan tirrepeti *"Le qatt.....Le qatt m'ghidtlu hekk."*[80] Minkejja dak li tixhed Camilleri, l-atti juru li l-karta giet iffirmata fis-27 t'April 2008 u l-allegat sekwestru sehh biss hamest ijiem wara! Illi l-iskrittura maghmula minn Dr Antoncich, Dok. MC, hi inekwivoka u turi li effetivament kienet Camilleri li hallset id-dejn ta' Cini. Difficli wiehed jifhem ghaliex fl-iskrittura jinghad *"..li Marthese Camilleri ma kienet iffirmat l-ebda garanzija biex taghmel tajjeb ghal xi dejn ta' terzi u dovut lili."*[81] Illi din id-dikjarazzjoni tikkontradixxi dikjarazzjoni maghmula fis-sentenza precedenti fejn jintqal li l-ammont ta' Lm1800 kienu *"rapprezentanti flus mislufa minni lil Mathese Camilleri in forza ta' skrittura datata is-27 ta' April, 2008 iffirmata bejni ma' l-istess Marthese Camilleri."*[82] Kien hemm skrittura fejn Camilleri dahhlet garanti ghal Cini jew le? Ghaliex intghazel li jinghad il-kontra ta' dak li hemm qbil dwaru minn kulhadd?? **Hija ittra mibghuta minn Dr Antoncich nhar it-8 t'April, 2009, li terga tikkonferma li Camilleri dahhlet bhala garanti ghal Cini** meta jinghad *"Mrs Camilleri gharrfitni dwar ammont ta' xi Euro 4,192 dovut lilek mis-Sur Olaf Cini u li dwarhu hija kienet iffirmat garanzija fejn allegatament accettat li tonora l-obbligazzjonijiet tas-Sur Cini fl-eventwalita` li huwa jonqos milli jhallsek."*[83] Terga tikkonferma *"Le le jien jekk tippermettili nghid l-ewwel net il-garanzija li ffirmajtlu jiena qeghda fil-file ghand Henry Antoncich, il-flus tajthomlu quddiem l-avukat biex jien inkun covered li jien lil dan ir-ragel hallastu u hlist minnu.".*[84]

Illi dwar dak li sehh fil-lejl tat-2 ta' Mejju, 2008, Camilleri tghid li kien **cempillha l-imputat** sabiex tmur tigbru hdejn il-fabbrika tal-Coca Cola.[85] Tghid li taf li Cini kien mal-parte civile dakinhar ghax *"meta kien hemmhekk cempluli u din il-mara ma nafx xi bdiet tghidli, ma nafx jiena ma kontx mieghu ma nistax nitkellem, jiena kull ma nista nghid li cempluli minn hemmhekk, kien lehen ta' mara, bdejt nisma' lil Olaf jghidilhom biex ihalluh imur, imma jiena ma kontx hemm......Qorti: Fuq it-telephone jigifieri smajt lil Olaf jghid? Xhud: Halluni mmur."*[86] Camilleri tiftakar li **ma kienx hin l-irqad meta cempillha Olaf.** Dak li jsegwi izda hu rilevantissimu.

[79] Fol.187
[80] Fol.191
[81] Fol.177
[82] Fol.177
[83] Fol.176
[84] Fol.189
[85] Fol.186
[86] Fol.186

Camilleri tghid li **kien Olaf li talabha tiehdu l-airport sabiex jiltaqa' ma Said**. ***<u>Kif ikkomunika mieghu Said jekk dan kien hadlu l-mobile??</u>*** Tghid hekk: *"Qalli biex niehdu l-airport. U l-airport reggha kien hemm Leo u ma nafx x'qalu lil xulxin."*[87] Daqstant iehor jimmillita kontra l-kredibilita` tal-imputat hu l-fatt li meta ltaqa' ma' Camilleri, Cini ma semma l-ebda pistola:

*Spettur: Sinjura inti meta mortu l-airport kien qallek x'kien gara qabel Olaf Cini.*
*Xhud: Qalli li Leo hallieh hemmhekk.*
*Spettur: Qallek li ghamillu xi affarijiet ohra apparti hallieh hemmhekk? Hemmhekk fejn?*
*Xhud: Fejn tal-Coca x'imkien fit-triq.*
*Spettur: Qallek li graw xi affarijiet ohra iktar serji ma' Leo?*
*Xhud: <u>Le qalli li zammewh</u> imma dan li qalli hu jigifieri ghax jien ma kontx prezenti.*
*Qorti: Semma' xi pistola?*
*Xhud:* ***Le ma semmilix pistoli. Le.***
*Spettur: Qallek li hadlu xi affarijiet?*
*Xhud: Le.*
*Qorti: Qallek li hadlu gizirana jew cappetta jew xi arlogg?*
*Xhud: Ehe stenna <u>ma nafx jekk hux cappetta jew arlogg</u> u qalli li bezqulu l-inbid fuqu xi haga.*
*Spettur: Dak il-****hin talbek biex imur jaghmel rapport lil pulizija?***
***Xhud: Le le.***
***Spettur: Imma talbek biex tmorru l-airport.***
***Xhud: Iva.***
***Spettur: Qallek ghaliex kontu ha tmorru l-airport?***
***Xhud: Le.***
*Spettur: Kemm domtu l-airport?*
*Xhud: Forsi nofs siegha?*
*Spettur: Jigifieri mbaghad wara l-airport fejn wassaltu lil Olaf?*
*Xhud: Nimmagina hallejtu d-dar ir-Rahal Gdid.*
*Spettur:* ***Fl'ebda' hin ma qallek li jrid imur jaghmel rapport l-ghassa.***
***Xhud: Le le.***
Mistqosija jekk l-imputat tahiex dettalji dwar fejn kien inzamm imsakkar tghid *"Le ma qallix ma specifikax fejn."*.[88]

Illi n-nuqqas ta' kredibbilita` tal-verzjoni tal-imputat tizdied meta jigi mfakkar li hu **kien qal li thalla maqful ghal diversi sighat filwaqt li**

[87] Fol.190
[88] Fol.196

**Camilleri tghid li lanqas ma kien ghadu sar hin l-irqad**. Cini kien qal *"Ma kellix arlogg imma **kien tard hafna u <u>wara a few hours</u> gie, harigni.**"*[89] Wara jerga jtenni *"Kien tard bil-lejl. Kienu zgur round eleven o'clock at night."*[90] Diga kien gie stabbilit li hu kien ltaqa' ma Said hdejn il-Phoenicia f'xi 7.30pm u ghalhekk meta wiehed iqis dak li tghid Camilleri zgur li ma kienx ghadda hafna zmien bejn dak il-hin u meta hi ltaqghet ma Cini!

Illi kemm ghandu mis-sewwa li persuna li ghada kemm inhelset minn sekwestru fejn intuzat vjolenza u giet mhedda titlob li tmur tiltaqa' ma min ghadu kemm issekwestraha? Kif ma ssemmi xejn lil min ta l-ewwel ghajnuna *a tempo vergine*? Kif kien jaf Cini li kellu jiltaqa' ma Said l-airport? Mela mhux veru li kien Said li cempel lil Camilleri sabiex imorru l-Airport kif qal Cini. Fil-fatt Said kien qal li meta rritorna lejn il-yard sab lil Cini ghadu hemm u ftehmu jmorru l-Airport biex jitkellmu flimkien ma Marthese Camilleri.[91] <u>Dan kollu jaghmel il-verzjoni ta' Said kredibbli in kwantu hu ma kien issekwestrax lil Cini u lanqas serqu jew heddu</u>! Jekk Camilleri ma kellhiex interess li Said issus wara Cini, ghaliex kien gie deciz li jiltaqaw fil-presenza taghha? Anzi dan juri kemm kien minnu dak li xehed Said li kienet Camilleri li talbitu jghina sabiex tirkupra flusha biex fi kliemha stess "*dan ir-ragel <u>hallastu u hlist</u> minnu"*.[92]

Fil-fehma tal-Qorti Marthese Camilleri, li kienet riluttanti li tixhed f'dawn il-proceduri tant li kellu jinhatar espert mediku sabiex jiccertifika li ma kien hemm ebda raguni medika li setghet timpedixxi x-xhud milli titla` tixhed viva voce, baqghet sal-ahhar trid tostura l-fatt li kienet hi li talbet l-ghajnuna ta' Said tant li tghid li meta sehh l-allegat sekwestru lanqas ma kienet ghada dahhlet garanti ghal Cini! Il-Qorti izda temmen lil Said li kien minhabba li gie mitlub minnha u ghan-nom taghha li hu kien insista li Cini jhallsu sitt ijiem wara li Camilleri ghamlitlu l-garanzija!

Illi **Daniel Zammit** li kien il-prosekutur fil-proceduri fil-konfront ta' Leo Said sfortunatament ma ftakarx jekk f'dawk l-atti kienux gew esebiti is-*CCTV footage* tas-sit Greenlines. Jghid *"Milli qed niftakar ghax dan ilu naqra zmien issa. Kien hemm rapport li s-Sur Cini kellu jaghti xi flus lis-Sur Said jew il-partner tieghu, u kien hemm rapport li ghamel is-Sur Cini li s-Sur Said kien seraqlu xi affarijiet u heddu. Kienu kontra xulxin[93]..... Ma*

[89] Fol.121
[90] Fol.128
[91] Fol.72
[92] Fol.189
[93] Fol.179

*niftakarx bl-amment Sinjura Magistrat pero li kelli fil-pussess tieghi kien gie esebit il-Qorti fil-kawzi relattivi. Jien it-tnejn li huma kont ressaqthom separati akkuzi differenti pero x'evidenza kelli f'idejja u x'gie pprezentat bl-amment ma niftakarx."*[94]

Illi l-Qorti thoss li ghandha tirrimarka dwar in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li ggib bhala prova l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Publius Said** (Dec. 28.10.2011) – li minnu seta' jigi kkonstatat x'evidenza ingiebet *inter alia* u partikolarment jekk kienx hemm *cctv footage* u l-karta li allegatament ffirma fil-vettura Cini nhar it-2 ta' Mejju, 2008. L-istess jinghad dwar in-nuqqas totali ta' xi forma ta' prova li permezz taghha, anke f'dawn il-proceduri *per se,* seta jigi stabilit x'kommunikazzjoni kien hemm bejn l-atturi ta' din is-saga u l-evidenza li setghet tixhet dawl fuq il-lokalitjaiet li kienu jinsabu fihom f'hinijiet partikolari sabiex il-kaz tal-istess prosekuzzjoni jissahhah.

Illi maghdud dana kollu l-Qorti xorta tqis li l-verzjoni ta' tal-imputat hi inverosimili, mimlija kontradizzjonijiet u wahda li tavvicina l-fantaxjenza. Ghalkemm mhux maghruf il-mottiv preciz wara l-laqgha bejn Said u Cini fil-lejl tat-2 ta' Mejju, 2008, l-uniku fatt li hi konvinta minnu l-Qorti hu li bniedem li ghadu kemm gie ssekwestrat ghal diversi sighat (li kif inghad hu dettal li ma jsib ebda korroborazzjoni!), mhedded b'pistola u li tant kien ikkoncernat bil-fatt li ma kienx mar jiffirma l-ghassa ta Rahal il-Gdid hekk kif ordnat, jaghzel li minflok jibqa' sejjer lejn l-ewwel ghassa jew iccempel id-Depot, jaghzel li jmur jiltaqa' mal-persuna li tant kienet kapaci tnissel tant biza' fih u stenna sal-ghada filghodu, xejn inqas mil-hin tal-ghaxra ta' filghodu, sabiex jaghmel ir-rapport! Lanqas lil partner tieghu stess li marret taghtih *lift* ma tarfilha ebda dettal minn dak li kien allegatament ghadda minnu. Anke dwar kemm effetivament kellu jaghti lil Said hemm diskrepanza kbira u cioe' filwaqt li hu jghid li kellu jtih mal LM4000[95] (€8000)[96] il-provi juru li kienu biss LM1800 (€4192).[97]

Illi mill-atti processwali ghalhekk jirrizulta li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi dwar it-tieni akkuza, l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-imputat hu recidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali u dan peress li

[94] Fol.180
[95] Fol.110 kif ukoll fl-istqarrija fol.37
[96] Fol.113 *"Filfatt hemm l-ircevuta ta' Dr Antoncich. Eight thousand xi haga hallasna."*
[97] Dok.MC fol. 177

meta l-akkuzi jirrisalu ghal Mejju 2008, pproduciet bhala sentenza dik datata is-26 t'Awissu 2010.

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax li dawn il-proceduri nbdew wara li kien intemm il-process gudizzjarju fil-konfront ta' Publius Said fejn kif tixhed is-sentenza li biha gie liberat Said, jirrizulta ampjament li Cini kien xehed f'dawk il-prceduri u fejn tenna l-allegazzjonijiet minnu maghmula fil-konfront ta' Said. Madanakollu l-Prosekuzzjoni ghazlet li takkuza lil Cini unikament ghar-reat previst bl-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali u mhux ghal xi reat previst bl-artikoli 104, 105, 108 jew 110 tal-istess Kodici li jipprospettaw pieni ferm aktar horox.

Illi in kwantu ghal piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali voluminuza tieghu w c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 49 u 101 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal sbatax il-xahar prigunerija.

Inoltre` ai termini tal-artikolu 109 tal- Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tapplika il-piena tal-interdizzjoni ġenerali ghal zmien hmistax il-sena, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-ħati jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**